MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 311/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel sive Carl Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel sive Carl Buttigieg talli:

(1) F’Paceville, San Giljan fit-12 ta’ Frar 1991 wara nzul ix-xemx, ikkommetta serq ta’ karozza Nru. F-2318 tal-ghamla Peugeot 405 GTX li l-valur taghha jiskorri l-elf liri Maltin (Lm1,000) ghad-dannu ta’ Joseph Portelli, liema serq hu kkalifikat bil-mezz, valur, hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

(2) F’dawn il-Gzejjer matul ix-xhur wara t-12 ta’ Frar 1991, xjentement laqa’ ghandu jew xtara l-imsemmija karozza, liema karozza kienet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghha jew imexxiha;

(3) Fil-11 ta’ Lulju 1991 jew matul il-gimghat qabel din id-data, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokument iehor illi meta jigu pprezentati, wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju publiku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;
(4) Fl-istess perijodu ta’ zmien, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

(5) Fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat;

(6) Matul dawn l-ahhar snin, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta’ haddiehor;

(7) U aktar gie akkuzat f’isem il-Kontrollur tad-Dwana talli f’xi data qabel Settembru 1991 kellu fil-pussess tieghu Land Rover, numru tar-registrazzjoni D-8800 u wara iddispona minnha – valur Lm1275, dazju Lm828.75 – kif muri fin-Nota ta’ Qbid Nru. 52/92, li l-importazzjoni taghha hija projbita u/jew ristretta u d-dazju taghha ma giex imhallas jew kawtelat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Settembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Carmel sive Carl Buttigieg hati ta’ l-ewwel u s-seba’

imputazzjonijiet u minnhom illiberatu izda sabitu hati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 167, 169, 185, 186, 188, 308 u 334 Tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija liema sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza appellata l-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija; ikkundannatu wkoll, a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9, ihallas lir-Registratur tal-Qrati l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew peritimqabbda fil-proceduri u dan fi zmien xahar minn meta jrcievi l-kont *de quo*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel sive Carl Buttigiegipprezentat fis-6 ta' Ottubru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u tbiddel is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-partri liberatorja taghha kwantu ma sabitux hati ta' l-ewwel u s-seba' imputazzjonijiet, tirrevokaha kwantu sabitu hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il;-hames u s-sitt imputazzjonijiet, kif ukoll mill-kundanna ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali, billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kul imputazzjoni u htija skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza minghajr ma semghet it-trattazzjoni tad-difiza, u dan f'cirkostanzi fejn il-Magistrat sedenti ma kienx sema' l-kaz hu u ghalhekk ma kellux il-vantagg li jaghmel l-apprezzament tax-xhieda skond l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali; inoltre kien mankanti l-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem*; (2) l-element kemm intenzjonali kif ukoll materjali ghar-reat ta' ricettazzjoni huma nieqsa u ghalhekk ma setax jinsab hati tat-tieni imputazzjoni; (3) il-provi tal-prosekuzzjoni ma jwasslux ghall-htija ta' l-appellant ta' l-

imputazzjonijiet l-ohra minghajr dubju dettat mir-raguni; (4) l-ewwel Qorti, ghalkemm jidher li strahet fuq ix-xiehda tas-Surgent Greengrass, ma kellhiex l-opportunita` tapprezza dak li ddepona dan ix-xhud skond il-linji gwida ta' l-artikolu 637 tal-Kap. 9, dak li jghid dan ix-xhud ma jammontax ghal ammissjoni, il-prova tad-difiza tiskossa din it-tezi fuq bazi ta' probabbilita`, u inoltre l-assjem tal-provi jmeri dak allegat.

Dwar l-ewwel aggravju jirrizulta illi huwa minnu illi l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza minghajr ma kienet semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza. Issa, mill-atti jirrizulta li din il-kawza kienet qed tinstema' originarjament mill-Magistrat Carol Peralta, u ghal diversi snin baqghet tigi differita ghad-difiza, ghat-trattazzjoni u sahansitra ghas-sentenza. Sussegwentement din il-kawza giet riappuntata quddiem l-istess Qorti presjeduta mill-Magistrat Silvio Meli li bdiet tisma' x-xhieda mill-gdid. B'verbal registrat fid-9 ta' Mejju 2006, Dot. Emanuel Mallia ghall-appellant (allura imputat) informa lill-Qorti li jezenta l-prosekuzzjoni ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi milli jigu riprodotti x-xhieda u li l-Qorti tistrieh pjenament fil-gudizzju taghha fuq il-provi diga` mismugha. L-ufficjal prosekutur qabel ma' dan il-verbal u li x-xhieda gja` mismugha ghandha tittiehed bhala mismugha minn dik il-Qorti kif presjeduta. Ghalhekk il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduci. Xehed l-appellant u l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni ghall-4 ta' Lulju 2006. Dakinhar, skond il-verbal relattiv, la deher l-appellant u l-anqas id-difensur tieghu u, in vista li giet prezentata riferta pozittiva gie ordnat il-hrug ta' mandat ta' akkompanjament fil-konfront ta' l-appellant. Fit-18 ta' Lulju 2006 deher l-appellant sprovvist mid-difensur tieghu u l-Qorti giet infurmata li d-difensur ta' l-appellant kien jinsab imsiefer. Dik il-Qorti mbaghad irrilevat li d-difiza ma pprezentat ebda rikors li permezz tieghu setghet titlob differiment stante s-safar tar-rapprezentant legali nvolut, qieset l-abbandun tad-difiza f'dak l-istadju bhala nuqqas serju u ordnat il-prosegwiment tal-kawza. Dakinhar stess l-ewwel Qorti semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-27 ta' Settembru 2006. Bejn it-18 ta' Lulju 2006 u s-27 ta' Settembru 2006 ma jirrizulta

li saret l-ebda talba sabiex tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza biex id-difiza tkun tista' taghmel is-sottomissjonijiet taghha.

Dan kollu qieghed jinghad peress illi jidher car illi d-difiza kellha kull opportunita` kemm quddiem l-ewwel Qorti kif originarjament presjeduta kif ukoll quddiem dik il-Qorti kif presjeduta meta nghatat is-sentenza appellata, sabiex taghmel is-sottomissjonijiet taghha. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

L-aggravji l-ohra jehtiegu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa kollha l-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti, inkluz ix-xiehda ta' l-appellant.

Mill-provi jirrizulta illi Joseph Portelli kien is-sid ta' Peugeot 405 GTX bin-numru ta' registrazzjoni F-2318. Din insterqitlu minn Paceville fit-12 ta' Frar 1991. Din l-istess karozza nstabet mill-Pulizija fil-pussess ta' Robert Buttigieg, missier l-appellant, fit-3 ta' Settembru 1991 bin-numru ta' registrazzjoni R-9265. Barra minn hekk kienu sarulha xi tibdiliet: ir-roti, il-*luggage booth lid*, il-covers ta' l-ispeakers ta' wara, il-batterija, ir-radio nieqes, l-*armrest* bejn is-seats ta' quddiem nieqes, il-*head-rests* ta' wara neqsin u t-tabella ta' wara ma kinitx GTX. Il-prosekuzzjoni esebiet *"Notice of Transfer"* numru 043122 datat 4 ta' Lulju 1991 (Dok. EC3 a fol. 93) mnejn jidher li l-vettura Peugeot numru R-9265 inbieghet minn certu Francis Tirchett lil Robert Buttigieg. Ix-*chassis number* huwa indikat bhala 5481056, liema numru jaqbel ma' l-*inspection form* datat 11 ta' Lulju 1991 (Dok. EC5 a fol. 95). In-numru imsemmi ma kienx in-numru tal-Peugeot 405 izda ta' Peugeot 404 li kien jappartjeni lill-imsemmi Francis Tirchett u li kien gie skreppjat kif ser jinghad (ara certifikat ta' l-assigurazzjoni favur Francis Tirchett – Dok. EC9 a fol. 101 – u certifikat ta' l-assigurazzjoni favur Joseph Portelli – Dok. EC23 a fol. 121). L-istess jista' jinghad dwar l-*engine number*. In-*number plates* li kellha fuqha l-Peugeot imsemmija kienu godda u effettivament irrizulta lill-Pulizija li fit-8 ta' Lulju 1991 kienu gew rilaxxati mill-*mint* fejn jigu stampati diversi pjanci tal-vetturi fosthom in-numru R-9265 (Dok. EC4 a fol. 94) izda ma nstabx *record* lil min inghataw dawn il-pjanci, l-anqas ircevuta taz-zewg liri (Lm2) li suppost tingabar (ara xiehda ta' l-Ispettur Emanuel Cassar a fol. 82).

Issa, kif diga` ntqal, effettivament in-numru R-9265 kien jappartjeni lil karozza ohra tal-marka Peugeot izda din kienet Peugeot 404 u li s-sid taghha kien Francis Tirchett. Dan Tirchett kien biegh l-imsemmija karozza lil certu Paul Pullicino, skond l-istess Tirchett (a fol. 147) "bil-kundizzjoni li jkissirha ghall-iscrap", izda billi l-licenzja kien baqaghlha tliet xhur, Pullicino qallu li ser juzaha sakemm

jiskadi t-terminu. Paul Pullicino kkonferma li kien xtara l-Peugeot 404 u esebixxa kopja ta' l-ircevuta datata 23 ta' Mejju 1990 (a fol. 188). Pullicino xehed illi huwa xtara l-karozza biex ibieghha jew jehdilha l-parts minnha. Xehed illi l-Peugeot tah lill-appellant "ghaliex kien interessat li jixtrih, pero` hu biddel mohhu u rega' tahuli lura biex niskreppjah". Qal ukoll illi l-karozza tahielu minghajr pjanci. U fil-fatt imbaghad qattaghha l-karozza.

Kif tajjeb osserva l-appellant, l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet illi l-vettura in kwistjoni kienet registrata f'isem l-imputat appellant. Difatti rrizulta li kienet registrata f'isem missieru Robert Buttigieg. L-appellant fix-xiehda tieghu jghid illi missieru kien persuna ta' integrita` u li qatt ma kellu x'jaqsam ma' affarijiet kriminali. Jghid ukoll illi ma kellu x'jaqsam xejn mal-papa` tieghu rigward ix-xiri u t-transfer tal-vettura in kwistjoni u li hu (cioe` l-appellant) huwa kompletament estraneju fuq il-kaz. Pero` mbaghad jghid illi ghand Francis Tirchett mar darba u li "dak iz-zmien kienet procedura illi jekk il-bejjiegh jiffirmalek fuq in-naha ta' wara ta' l-insurance inti tigbor il-flus lura. Din il-kwistjoni harget biex niffrankaw 10% mill-insurance."

Kontra c-cahda semplicistika ta' l-appellant, pero`, hemm dawn il-provi:

(1) L-Ispettur Emanuel Cassar xehed illi meta l-appellant mar id-Depot u kif se jibda jkellmu fuq il-karozza ghadhom mexjin fil-bitha lejn l-ufficcju tieghu, l-appellant qallu li kien ha parir minghand l-avukat u ma kienx ser jirrispondi ghal xejn. L-Ispettur Cassar qal li dak kien id-dritt tieghu izda li d-domandi xorta kien ser jaghmilhomlu. Dahlu fl-ufficcju, bdew jitkellmu u f'hin minnhom l-appellant qal: "Isma', jiena dwar dik il-karozza ma ghandi x'naqsam xejn hlief li l-izball li ghamilt li rrangajt biex ghamiltilha t-transfer'."

(2) P.S. 726 Hugh Greengrass xehed illi dakinhar li l-appellant mar id-Depot, waqt li kienu fis-C.I.D. yard, l-appellant qal lill-Ispettur Cassar li ma kienx ser jirrispondi ghal ebda domanda dwar il-karozza. Pero` meta dahal l-ufficcju ta' l-ispettur Cassar, l-appellant qal lill-Ispettur:

"Jien naf li zbaljajt li ghamilt it-transfer ta' din il-karozza u nxurjajtha."

(3) Id-dokumenti esibiti mill-prosekuzzjoni juru li sar *transfer* ta' Peugeot 405 (proprjeta` ta' Joseph Portelli) bin-numru ta' registrazzjoni, *chassis number* u *engine number* ta' Peugeot 404 (li kienet proprjeta` ta' Francis Tirchett).

(4) Dwar it-*transfer form*, Francis Tirchett xehed (a fol. 148) illi l-firma fuq din il-formula mhijiex tieghu, ghalkemm in-numru tal-karta ta' l-identita` huwa tieghu. Dwar id-dettalji ta' Robert Buttigieg, imbaghad, irrizulta illi n-numru tal-karta ta' identita` mnizzel fuq il-formula ma jezistix fl-Insinwa (ara xiehda ta' W.P.C. 126 Josianne Buttigieg a fol. 207) filwaqt illi n-numru tal-karta ta' l-identita` korrett huwa 823936(M). Inoltre minn ezami tal-firma fuq il-formula ta' l-applikazzjoni ghall-hrug ta' karta ta' identita` (a fol. 201) u dik fuq it-*transfer form*, ma hemmx bzonn espert kalligrafu sabiex jigi konkluz li l-firem mhumiex l-istess.

(5) Kuntrarjament ghal dak li qal l-appellant, Adrian Theuma ma xehedx illi "Robbie Buttigieg u Tirchett iffirmaw id-dokumenti quddiemi". Fuq mistoqsija jekk dawn in-nies iffirmawx it-transfer form quddiemu, Adrian Theuma xehed testwalment hekk: "Jista' jkun wiehed minnhom, pero` t-tnejn ma niftakarx. Jiena l-I.D. cards dejjem kont niccekkjahom. Gieli kien hemm okkazjonijiet fejn l-individwi koncernati ma ffirmawx quddiemi."

(6) Meta Paul Pullicino gie riprodott ghall-kontro-ezami, qal illi meta l-appellant tah lura l-Peugeot 404, dan kien bil-patt li l-appellant stess jiskreppja n-numri hu "ghax dak ma tistax tiskreppjahom int, fuq min hi l-vettura jrid jiskreppjaha".

(7) Francis Tirchett xehed (a fol. 148) illi darba kien mar l-appellant id-dar tieghu, urieh il-licenzja mhallsa u l-log book fuq ismu u qallu li kien dawwarha fuq ismu. Ikkonferma li hu qatt ma ghamel transfer biex idawwar il-

karrozza tieghu fuq l-appellant. Hu kien bieghha lil Pullicino.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li l-appellant qal lill-Ispettur Emanuel Cassar fil-prezenza ta' P.S. 726 Hugh Greengrass u dak li qal lil Francis Tirchett jikkostitwixxu ammissjoni ta' responsabbilta` da parti ta' l-appellant ghall-kontenut tan-*Notice of Transfer* (Dok. EC3 u li l-original jinsab esebit a fol. 204), il-mezz ta' kif seta' jsir it-*transfer* tal-karozza in kwistjoni. Ma tistax l-anqas din il-Qorti ma tfakkarx illi l-appellant kellu f'idejh ghal xi zmien il-Peugeot 404. Jigifieri huwa kellu access ghall-partikolaritajiet ta' dik il-karozza – ix-*chassis number* u l-*engine number* – u meta rritornaha lil Paul Pullicino, din irritornaha minghajr il-pjanci. Ghalhekk l-appellant ghandu jwiegeb ghall-ksur ta' l-artikolu 188 tal-Kap. 9, u cioe` tar-raba' imputazzjoni, bl-assorbiment tal-hames imputazzjoni fir-raba' imputazzjoni.

Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra, it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax peress illi m'hemm l-ebda prova li l-karozza in kwistjoni kienet qatt fil-pussess tieghu. Dak li xehed l-Ispettur Emanuel Cassar dwar x'kien qallu missier l-appellant jikkostitwixxi biss *hearsay*. It-tielet imputazzjoni ma tirrizultax peress illi n-*Notice of Transfer* ma kinitx intiza sabiex wiehed jircievi hlas, ecc. minn ufficcju pubbliku, jew minn bank, jew minn stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern. Is-sitt imputazzjoni ma tirrizultax peress illi ma jirrizultax il-frodi kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9.

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Kwantu ghall-ispejjez ta' l-esperti, peress illi huwa applikabbli l-artikolu 533 tal-Kap. 9 kif vigenti meta sehhew ir-reati hawn in dizamina, u peress illi ma gewx nominati esperti tul il-proceduri izda dawn gew kollha nominati fl-inkjesta magisterjali, ma ghandu jkun hemm l-ebda kundanna ghall-hlas ta' spejjez peritali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni, tat-tielet, u tas-sitt imputazzjonijiet, tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah, tiddikjara l-hames imputazzjoni assorbita fir-raba' imputazzjoni, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn u minflok tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija u, a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9, din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9, u tikkonfermaha fil-kumplament. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------